4 ta' Marzu, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Carmelo Pace *versus* Josephine sive Fanny Tabone Valletta**

## Senserija — Prossenitiku.

*Biex ikun hemm dritt għall-prossenetiku hemm bżonn li l-medjatur ikun adopera ruħu b'mod li jkun laqqa' l-kunsens tal-partijiet dwar is-sostanzjali u l-aċċidentali tal-kuntratt.*

*Biex imbagħad, fin-nuqqas ta' dritt għal senserija, ikun hemm lok għal kumpens, introdott mill-ġurisprudenza lokali, hemm bżonn li jkun hemm inkariku espress jew taċitu, u xi xogħol li jkun għamel il-medjatur.*

*Il-fatt li bniedem jagħti sempliċement informazzjoni bla ma jagħmel xejn aktar, ċjoè bla ma jadopera ruħu bl-ebda mod biex ilaqqa' l-kunsens tal-partijiet, ma jagħtix dritt la għal senserija u lanqas għal kumpens.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, il-kon-

venuta tiġi kundannata tħallas lill-attur is-somma ta' £66, jew kull somma oħra verjuri li tirriżulta dovuta lill-attur għad-dritt ta' medjazzjoni ossija serviġi in konnessjoni max-xiri tad-dar numru 58 Rudolph Street, Sliema, li sar fl-atti tan-Nutar Carmelo Vella, LL.D., *tad-29 ta' Awissu 1951, bil-prezz ta'* £3300, bl-imgħaxijiet skond il-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 1951, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-provi irriżulta li l-attur kien ġie nkarigat mill-Avukat Dr. *John Caruana Galizia* sabiex *jara jsibx kumpratur għad-*dar in kwistjoni, li kienet tappartjeni lil Marietta Tonna. Għall-istess ħabta l-attur iltaqa' mal-għarus tal-konvenuta, u dana qallu li huwa u l-konvenuta ma setgħux jiżżewġu, il-għaliex ma kienux sabu dar fejn imorru joqogħdu, u l-attur ħa l-okkażjoni opportuna sabiex jgħidlu li kellu dar għall-bejgħ li setgħu jokkupaw. Hawn *l-attur u l-għarus tal-konvenuta* ma jaqblux; il-għaliex mentri l-attur isostni li ta lill-imsemmi għarus ħafna dettalji, anzi qal li tah id-dettalji meħtieġa għall-lokazzjoni tal-post, dak ix-xhud fuq imsemmi jillimita l-informazzjonijiet lilu mogħtija għall-prezz, lokalità bla individwalizzazzjoni tal-post, u semma li sar xi diskors għall-appuntament biex *il-konvenuta u l-għarus tagħha jkunu jistgħu jmor-*ru jaraw l-istess dar. L-attur jammetti li huwa qatt ma kellem lill-konvenuta, li fil-fatt xtrat id-dar in kwistjoni, u li huwa ma kienx imdaħħal meta l-venditriċi u l-kumpratriċi ftehmu, u ma nnegax li llimita x-xogħol tiegħu għall-informazzjoni li huwa ta lill-għarus tal-konvenuta bħala bażi tad-dritt tas-senserija li qiegħed jitlob. Mill-banda l-oħra, it-teżi konvenuta hija poġġuta fuq il-fatt li l-konvenuta, sew direttament sew indirettament, qatt ma ġiet taf mill-attur fuq id-dar in kwistjoni, il-għaliex l-għarus tagħha qatt ma ġie nfurmat bl-individwalità tal-post, u l-istess għarus qatt ma nfurmaha bil-messaġġ ta' l-attur, u xtratha bix-xogħol u ko-operazzjoni ta' ħadd ieħor;

Ikkunsidrat;

Illi dwar dak li jsostni l-attur in kwantu għad-dettalji li ta lill-għarus tal-konvenuta hemm konflitt..........., it-teżi tal-konvenuta għandha tiġi preferuta għal dik ta' l-attur, li jrid jipprova ċar it-teżi tiegħu...........;

Ikkunsidrat;

Illi l-iskop preċipwu u prinċipali ta' kwalunkwe persuna sabiex takkwista d-dritt tal-medjazzjoni huwa dak li tlaqqa' l-kunsensi tal-partijiet li jkunu nteressati fl-operazzjoni wara li jieħu sehem relativament attiv u intelliġenti fil-proġettata u proposta konvenzjoni. Fi ftit kliem, is-sensal għall-akkwist tal-prossenetiku jrid jara li per mezz tiegħu jseħħu bejn il-persuni nteressati dawk li klassikament jissejħu s-"sostanzjali u l-aċċidentali tal-kuntratt". It-temperament tal-kumpens imbagħad, biex iseħħ fejn ma sseħħx il-vera u proprja senserija, introdott mill-ġurisprudnza lokali, irid jippresupponi inkariku espress jew taċitu, u xi xogħol, u mhux li bniedem jagħti sempliċement informazzjoni bla ma jagħmel xejn aktar, ċjoè bla ma jadopera ruħu bl-ebda mod (ara P.A. Ċivili 21 ta' Frar 1947, in re "Paolo Bonavia vs. Carmelo Grech");

Tabilħaqq, li s-senserija tirrikjedi l-opra attiva tas-sensal fl-unjoni tal-kunsensi jitnissel minn ħafna sentenzi, kif, fost oħrajn, ġie deċiż (ara Repto. Giurale Annuale della Giurisprudenza Italiana, Anno L. I (51) 1949, vuċi Mediazione, nru. 14, paġ. 533, Corte Bari I, 147, De Leo vs. Tinelli, 24 Marzo 1949) li :— "Il mediatore ha diritto al suo compenso solo nel caso che il contratto sia stato conchiuso mercè la sua opera; ma l'avere unicamente proposto un acquisto, senza poi alcuna ingerenza nel perfezionamento del contratto, non significa avere esplicato opera di mediazione". Anki l-Kassazzjoni Ċivili, fl-10 ta' Frar 1949 (Giurisprudenza Italiana 1949, Vol. I, 536), in re "Oppezio vs. Re", irriteniet l-istess ħaġa. Infatti jingħad li "l'opera del mediatore devesi considerare compiuta ai fini del diritto della provvigione quando l'accordo della volontà dei contraenti abbia avuto una manifestazione giuridicamente efficace";

Mill-banda l-oħra, fin-nuqqas ta' dritt tal-medjazzjoni, il-kumpens dovut, sew għall-mandat sew għas-serviġi, jippresupponi espletament ta' xogħol, u jiġi mħallas fl-ewwel ipotesi, jekk hemm konvenzjoni, skond il-konvenzjoni, u jekk ma hemmx konvenzjoni skond il-kwantità u kwalità tax-xogħol; l-istess ħaġa jingħad għat-tieni ipotesi. Fil-każ in diżamina dawn l-ipotesijiet ma avverawx ruħhom;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż għall-istess attur.